**Kunsill Lokali L-Imġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt

# Seduta numru 48 tas-Sitt Leġislatura
# Illum it-Tlieta 18 ta' Settembru 2012

**MINUTI**

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv fil-5.30p.m. fuq l-Aġenda segwenti:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet
4. Evalwazzjoni Tenders u Kwotazzjonijiet
5. Updates tal-progetti infrastrutturali
6. Devoluzzjoni f' Tal-Għasfura u l-proġett ta' afforestazzjoni
7. Affarijiet Mixxellanji

Kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, Id-Deputat Sindku Eman Vella, Il-Kunsillier Clayton Gauci, , flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Il-Kunsillier Giovanni Gatt u il-Kunsilliera Maria Said kienu skużati.

Il-laqgħa giet immexxija mis-Sindku, Paul Vella.

## 1 Minuti

*Approvazzjoni tal-Minuti*

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

Kunsill Lokali L-Imġarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt

## 2 Korrispondenza

2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand il-MEPA.

2.4 Talba għall-ġemellaġġ mil-lokalita Taljana ta' Lago Santo. Il-Kunsill ra u kkunsidra din it-talba, iżda peress li ġa jeżisti ġemellaġġ ieħor fl-Italja, ġie deċiż li jekk isir ftehim ieħor dan isir ma' pajjiż differenti.

2.5 Talba mingħand l-executive officer tal-Kunsill, Natasha Cassar biex tingħata skala numru 11 fil-grad ta' Assistent Prinċipal. Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u ġie deċiż li jittieħed il-parir tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar dan.

## 3. Komunikazzjonijiet

3.1 Is-Sindku informa wara l-inċident tat-traffiku li seħħ fi' Triq Għajn Tuffieħa u wara diversi talbiet mir-resident ta' din iz-zona, l-espert tat-traffiku tal-Kunsill, is-Sur Hugh Arnett kien ser jitqabbad iħejji rapport dwar immanniġjar aħjar tat-traffiku ta' din iz-zona.

3.2 Is-Sindku ħabbar li wara l-involviment tal-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u l-Kura fil-Kommunita', il-proġett tal-ftuħ tad-Day Care Centre għall-anzjani kien ingħata spinta il quddiem. Ser tinġieb l-għamara meħtieġa u ser isir uffiċċju għall-immanniġjar tiegħu. Il-ħsieb hu li dan iċ-ċentru jibda' jinfetaħ kull nhar ta' Ġimgħa.

3.3 Is-Sindku informa li kien ġie irranġat is-sliħ li kien hemm fil-ħitan f' tas-Santi u li kien seħħ wara l-maltempata li saret fit-3 ta' Settembru. Qal ukoll li kien hemm bżonn ta' xogħol fuq il-ħitan f' tal-Abatija u f' tal-Ħaddedin.

**4. Evalwazzjoni Tenders u Kwotazzjonijiet**

4.1 Il-Kunsill iddiskuta il-ħruġ ta' diversi tenders u kwotazzjonijiet hek kkif imsemmi hawn taħt :

i. Aperturi tal-injam (wara li l-Kunsill ma rċieva l-ebda' offerta fis-sejħa li saret qabel)

ii. Re-surfacing tat-toroq taħt l-iskema tal-Public Private Partnership (wara li l-kuntrattur li intgħażel fl-aħħar sejħa li saret fl-2010 qatt ma wettaq ix-xogħol). Wara kunsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, ġie deċiż li din id-darba jisseħju 3 sejħiet għall-offerti, skond it-toroq involuti. Dawn ser ikunu imqassma hekk:

a. Proġett 1 :
Triq l-Amarozz, Triq l-Aruna, Triq il-Karamelli;

b. Proġett 2 :
Triq San Pietru, Triq ta' Haġrat, Triq Sir Harry Luke

c. Proġett 3 :
Triq Ġnien id-Dwieli, Triq Ras il-Ġebel.

iii. Proġett 'design & build' ta' rampa għas-sagristija tal-knisja parrokkjali;

4.3 Ġie deċiż ukoll li jintalbu xi kwotazzjonijiet għall-xogħlijiet tal-aluminium li hemm bżonn fil-bini tal-uffiċċju amministrattiv.

**5. Update tal-proġetti infrastrutturali**

5.1 Ingħata update dwar il-proġetti infrastrutturali ppjanati mill-Kunsill wara laqgħa mal-perit, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Toroq tal-PPP: ser jinħareġ tender ieħor wara diskussjoni mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali (ara punt 4.1.ii);

Rampa tas-Sagristija: ser jinħareġ sejħa għall-tender ta' din ir-rampa (ara punt 4.1.iii);

Proġett ta' Triq il-Kbira: il-perit avża li Transport Malta ma sabu l-ebda' oġġezzjoni għall-dan il-proġett u qed isiru it-tħejjijiet neċċessarji mal-MEPA;

Proġett ta' Triq Fisher: dan il-proġett għadu ma ġiex approvat;

Kunsill Lokali L-Imġarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt

Proġett tal-playing field f' Wesgħat il-Ġublew: il-perit għadu qed jaħdem fuq dissin ta' pjanti modifikati hekk kif mitluba mill-entitajiet;

Toilets fil-Bajja tal-Ġnejna: ser isir rikonsiderazzjoni ta' dan il-proġett;

Proġett tat-tkabbir taċ-Ċimiterju: il-Kunsill ser ikun qed japplika għall-dan it-tkabbir.

**6. Devoluzzjoni f' tal-Għasfura u l-proġett tal-afforestazzjoni**

6.1 Ingħata tgħarif dwar dan il-proġett. Saret laqgħa ta' konsultazzjoni bejn it-team ta' l-Universita', is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Ġiet esplorata l-possibilita' li issir fence madwar id-dawra kollha tas-sit.

6.2 Eman Vella fakkar li kien għad hemm bżonn li jsir ftehim ma' sid il-post qabel ma jitkompla l-proġett. Għaldqastant ser isir laqgħa bejn is-Sindku, Eman Vella, l-avukat tal-Kunsill u sid il-post ħalli possibilment jinħoloq ftehim u l-proċess ma jitfixkilx.

**7. Affarijiet Mixxellanji**

7.1 Clayton Gauci staqsa fiex kienet waslet il-web-site il-ġdida. Is-Segretarju Eżekutiv informa li kienet ser issir laqgħa ma' Hive Systems iex jiġu diskussi l-aħħar punti qabel din il-website tiġi atwata.

7.2 Clayton Gauci informa li kien tħalla ħmieġ fil-Bajja tal-Ġnejna wara li l-istruttura li kien hemm waqt is-sajf bħala protezzjoni għall-bajda tal-fekruna kien ġiet abbandunata.

7.3 Clayton Gauci staqsa wkoll fejn kien waslu it-talbiet għat-twaħħil ta' u-bends . Is-Sindku informa li l-proċess kien wasal lejn tmiemu u kien qed jistenna il-parir ta' Hugh Arnett dwar dan it-twaħħil.

**Aġġornament**

Il-laqgħa ntemmet fit-8 :20pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 8 t' Ottubru fil-5.30pm, fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku